**QORTI KRIMINALI**

***ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D***

**Att ta' Akkuża numru: 17/2022**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**Samir ALMIRI**

**Illum, 22 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuża kontra **Samir ALMIRI** ta' disgħa u tletin (39) sena, ta' nazzjonalita` Libjana, iben Nuri u Salma Zintani, imwieled ġewwa l-Libja nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija tnejn u tmenin (1982), mingħajr indirizz fiss u detentur tan-numru tal-Karta tal-Identita` Maltija 142003(A), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta:

**L-EWWEL (1) U L-UNIKU KAP**
***Omiċidju volontarju ta' Victor McKeon***

**Il-fatti**:

ILLI fis-sbatax (17) ta` Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), għal ħabta tas-sagħatejn ta` wara nofsinhar (14:00 hrs), l-iSkwadra tal-Omiċidji fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ġiet mgħarrfa bi skoperta ta` ġisem mejjet imgeżwer ġol-boroż, u li

tali ġisem kien allura instab f'ċirkostanzi ferm suspettużi. Dan il-ġisem ġie skopert ġewwa appartament f'blokk f'Misraħ Dorell ġewwa Santa Luċija, Malta u dan wara li l-Pulizija tad-Distrett kienu marru fuq il-post għal raġuni li sar rapport minn wieħed mill-ġirien, ċertu Konrad Galea. Tali rapport ta` Konrad Galea kien imsejjes fuq il-fatt li l-istess Konrad Galea kien ilu ma jara lil inkwilin tal-appartament in kwistjoni, ċertu Victor McKeon, u li saħansitra kienu bdew jinxtammu xi rwejjaħ jintnu, possibilment ta` dikompożizzjoni. Kif sar dan ir-rapport, uffiċċjali tal-Pulizija tad-Distrett marru fuq il-post sabiex jindagaw u dawn kienu anki talbu l-assistenza tal-Protezzjoni Ċivili għal raġuni li ma setawx jidħlu fl-appartament in kwistjoni, li kien fl-indirizz: 11, Block 9, Flat 2, Misraħ Dorell, Santa Luċija;

Illi mal-wasla tal-Pulizija tad-Distrett u uffiċċjali tal-Protezzjoni Ċivili, ġie stabbilit li ma kien jidher l-ebda sinjal ta` żgass minn fuq barra għal-appartament in kwistjoni, pero madanakollu ma kien qiegħed jirrispondi ħadd minn ġewwa l-appartament u setgħat tinxtamm riħa ta` dikomposizzjoni mill-komun. Kienu l-uffiċċjali tal-Protezzjoni Ċivili illi daħlu l-ewwel fl-appartament billi żgassaw tieqa tal-istess appartament u hekk kif daħlu, wara tfittxija qasira, nnutaw mill-bogħod is-sura tal-ġisem in kwistjoni li kienet tidher imgeżwra ġol-*plastic*;

Illi mal-wasla tal-uffiċċjali tal-iSkwadra tal-Omiċidji u tal-forensika fuq il-post tal-akkadut, l-uffiċċjali investigattivi aċċedew fl-appartament sui rifeut. Il-ġisem kien jinstab fil-kamra żgħira tad-doċċa, u kien mgeżwer bil-boroż taż-żibel u anki *windbreaker* ta` kulur aħdar, u fl-appartament kollu setgħat tinxtamm riħa qawwija ta` dikompożizzjoni. L-iSpettur tad-Distrett Hubert Cini informa lil Maġistrat tal-Għassa u minnufih infetħet inkjesta;

Illi mill-investigazzjonijiet preliminari ġew innutati immedjatament xugamani imremblin u ppressati man-naħħa t'isfel tal-bieb tal-kamra tad-doċċa, iżda fuq wara, tali mod illi kienu mezz sabiex l-arja ġewwa l-imsemmija kamra tad-doċċa tkun issiġġillata. F'dak ir-rigward, ġie skopert li anki t-tieqa tal-kamra tad-doċċa li kienet tagħti għal bitħa ċkejkna bħala parti mill-appartament kienet imsakkra minn-ġewwa permezz ta` ganġetta. Fl-istess kamra saħansitra kien hemm tieqa oħra li saħansitra ġiet issiġġillata b'masking tape. Ma` partijiet tal-ħitan tal-appartament li kien jidher dak li seta kien tiċpis ta` demm. Ċertament dawn l-indizzji komplew isaħħu l-ipoteżi tal-investigaturi illi f'dak il-post kien sar delitt;

Illi fuq il-post tal-akkadut, il-ġisem ġie brevement evalwat minn aspett mediku mit-tabib, fejn ġie ċċertifikat illi dak il-ġisem uman kien effetivament mejjet u għalhekk kellu jittieħed immedjatament il-mortwarja għal iktar indaġni. Infatti, eventwalment bis-saħħa tal-awtopsja ġie xjentifikament stabbilit illi l-kadavru in kwistjoni kien ta` Victor McKeon, raġel ta` tnejn u sittin (62) sena, imwieled Santa Venera u iben il-mejtin Richard u Mary nee Gauci. Ġie stabbilit illi l-kawża tal-mewt kienet *asphyxia*, ċioe` Victor McKeon miet wara li faga b'riżultat ta` nuqqas ta` ossiġnu kawżat mill-borża li kienet imgeżwra ma` rasu. Skond il-patoloġisti li għamlu l-awtopsja, il-ġurnata tal-mewt kienet aktarx it-tlettax (13) jew erbatax (14) ta` Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Waqt l-awtopsja, meta beda jitneħħa il-plastiku (boroż taż-żibel u *windbreaker*) minn mal-kadavru, ġie skopert illi l-kadavru kien bla ħwejjeġ, kellu idejh marbutin u saħansitra kellu l-parti warranija misduda b'ċarruta imgeżwra;

Illi mill-investigazzjoni tal-Pulizija ġie anki stabbilit illi f'dak l-appartament, apparti l-imsemmi Victor McKeon, kien joqgħod ukoll persuna ta` nazzjonalita Libjana magħruf bħala Samir ALMIRI. Dan il-fatt ġie magħruf kemm minn informazzjoni mogħtija minn pajżani illi tkellmu mal-Pulizija dak il-ħin fuq il-post, u kemm frott tfittxija fl-appartament in kwistjoni, fejn f'kamra tas-sodda minnhom instabu numru konsiderevoli ta` dokumenti f'isem Samir ALMIRI, jew li kienu jindirizzaw lill-istess Samir ALMIRI. F'kamra tas-sodda oħra ġewwa l-istess appartament, instabu numru ta` oġġetti simili li kienu jidhru li jappartjenu lil imsemmi Victor McKeon, u b'hekk, kombaċut anki ma` informazzjoni relatata ma` *signalling data* taċ-ċellulari tal-istess Samir ALMIRI, seta jiġi stabbilit b'iktar ċertezza illi Samir ALMIRI kien effetivament jgħix taħt l-istess saqaf ma` Victor McKeon f'dak l-indirizz fejn ġie skopert il-kadavru ta` Victor McKeon;

Illi l-uffiċċjali nvestigattivi minnufih tkellmu wkoll mal-familjari ta` Victor McKeon, fosthom l-aħwa ta` Victor McKeon, Louis u Mario McKeon, li informaw lill-investigaturi li kienu ilhom iktar minn ġimgħa ma jaraw lil ħuwhom Victor, u dderiġew lil Pulizija sabiex jitkellmu ma` ċertu Jonathan Caruana, li kien ħabib u qarib ta` Victor McKeon. Dan Jonathan Caruana ġie mitkellem, li dlonk informa lil investigaturi fl-erbatax (14) ta` Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien prova jċempel lil Victor McKeon fuq in-numru ċellulari tiegħu permezz tal-mobile ta` ommu (ossia omm Jonathan), u li kien wieġbu l-imsemmi Samir ALMIRI (li l-istess Jonathan kellu konoxxenza zgħira tiegħu bħala l-ħabib

ta` Victor McKeon), fejn dan ALMIRI kien informa lill-istess Jonathan illi Victor kien mar appuntament tal-isptar u li allura dak il-ħin ma setax ikelmu;

Illi f'dan ir-rigward, iktar investigazzjonijiet indikaw illi dan Samir ALMIRI kien anki reġistrat mal-awtoritajiet Maltin, minn aspett ta` indirizz fiss, illi kien qiegħed jgħix fl-istess appartament fejn instab il-kadavru ta` Victor McKeon, u għalhekk bdew isiru t-tfittxijiet neċċessarji sabiex Samir ALMIRI jiġi immedjatament mitkellem mill-investigaturi. Illi l-investigatur skoprew ukoll illi nonostante Samir ALMIRI kien qal lil Jonathan Caruana illi Victor McKeon kien mar appuntament mediku fl-14 ta` Marzu ta` dik is-sena, ma kien jidher reġistrat l-ebda appuntament fuq is-sistemi ta` informazzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa f'dik id-data, u l-aħħar appuntament kien fi Frar ta` dik is-sena;

Illi iktar ta` tħassib kien il-fatt illi ċ-ċellulari ta` Victor McKeon ma seta jinstab imkien. Aktar investigazzjonijiet infatti żvelaw illi ċ-ċellulari ta` Victor McKeon u anki ta` Samir ALMIRI ġew lokalizzati l-aħħar it-tnejn li huma fis-sittax ta` Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u tn-tnejn li huma fiż-żona tal-ajruport. Minn aktar stħarriġ irriżulta Samir ALMIRI kien fil-fatt telaq mill-gżejjer Maltin f'titjira għal Marokk, li kienet fis-sittax (16) ta` Marzu ta` dik is-sena, kmieni filgħodu. Dan kollu kompla jsejjes iktar suspetti fuq l-irwol ta` Samir ALMIRI fl-omiċidju ta` Victor McKeon, u allura ġew ikkuntatjati l-awtoritajiet Marokkini sabiex jagħmlu l-viġilanza neċċessarja u jinformaw lil awtoritajiet Maltin jekk l-imsemmi Samir ALMIRI jiġi rintraċċat ġewwa l-Marokk, u dan sabiex jiġi estradit lura lejn il-Gżejjer Maltin jekk ikun il-bżonn;

Illi fost dawk id-dokumenti li kienu instabu fl-appartament fejn ġie skopert il-kadavru ta` Victor McKeon, instabu xi biljetti tax-xarabank tal-linja illi possibilment kienu inxtraw f'perjodu wara li s-suspettat omiċidju sar, senjatament fl-erbatax (14) ta` Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Qam suspett illi tali biljetti kienu inxtraw minn Samir ALMIRI stess u tħallew fl-appartament fejn instab Victor McKeon mejjet minn Samir ALMIRI wkoll. Għaldaqstant, saru indaġni sabiex jiġu elevati u evalwati filmati tas-sigurta li jkunu jinsabu fil-karozzi tal-linja li Samir ALMIRI seta rikeb. Illi mill-filmati l-investigaturi setaw jikkonfermaw illi l-istess biljetti li nstabu fuq ix-xena tal-akkadut kienu ntużaw propju minn Samir ALMIRI, u dan ġie stabbilit saħansitra wara li l-investigaturi setaw josservaw fuq il-filmati stess lil Samir ALMIRI juża dawn il-biljetti, u dan ALMIRI ġie identifikat kemm minn wiċċu kif ukoll mill-

ħwejjeġ li kien liebes fuq il-filmat. F'dan ir-rigward, sar eżerċizzju simili bl-użu ta` filmati ta` sigurta tal-Bank li magħha kien abbinat il-mejjet Victor McKeon (senjatament dawk installati ma` *ATMs*), kif ukoll informazzjoni fuq transazzjonijiet tal-karta tal-bank in kwistjoni, fejn ġie anki kjarament stabbilit illi kien Samir ALMIRI li kienu uża l-karta tal-bank ta` Victor McKeon f'ġranet wara li nqatel l-istess McKeon;

Illi minn indaġni estensivi bl-użu tal-*call data* disponibbli rigward iċ-ċellulari ta` Victor McKeon u Samir ALMIRI, l-investigaturi setaw jistabilixxu b'ċertezza illi Samir ALMIRI kien iqatta iljieli fl-appartament fejn instab il-kadavru ta` Victor McKeon, u dan anki f'ġurnata wara d-data tas-suspettat omiċidju. Ugwalment importanti kien ġie stabbilit illi, għal xi raġuni, Samir ALMIRI attwalment kien qiegħed iġorr ċ-ċellulari ta` Victor McKeon anki wara d-data fejn aktarx Victor McKeon kien inqatel. Minn indaġni mmedjati ġie stabbilit illi Samir ALMIRI kien telaq mill-Gżejjer Maltin b'ħeffa kbira wara d-data tal-akkadut, u wara komunikazzjonijiet u interventi neċċessarji mal-awtoritajiet Marokkini, l-istess Samir ALMIRI ġie estradit lura lejn il-gżejjer Maltin fl-ewwel (1) ta` Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fejn fil-pussess tiegħu instabu kemm iċ-ċellulari tiegħu stess u kemm tal-mejjet Victor McKeon. Instab wkoll fil-pussess tiegħu dokument tal-ivvjaġar maħruġ mill-awtoritajiet Maltin, u li x'ħin tali dokument instab mill-Pulizija, dan id-dokument kien imqatta;

Illi fit-tnejn (2) ta` Diċembru tal-imsemmija sena, Samir ALMIRI ġie interrogat, fejn ikkonferma li kien jaf lil mejjet Victor McKeon u kien jorqod fl-appartament u, skond l-istess ALMIRI, dan baqa jseħħ sa Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) sakemm, skond Samir ALMIRI, huwa kien ġie mitlub minn ħu l-mejjet Victor McKeon biex ma jiffrekwentax iktar l-istess appartament. Rigward il-pussess effetiv tiegħu taċ-ċellulari tal-mejjet Victor McKeon, Samir ALMIRI stqarr li tali ċellulari kien tagħhulu l-istess McKeon sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw faċilment. Mistoqsi fuq il-biljett tal-ajru li uża biex telaq lejn il-Marokk, Samir ALMIRI stqarr illi xtara l-biljett mill-ajruport, kuntrarjament għal dak li rriżulta mill-investigazzjonijiet;

Illi tenut kont tar-riżultanzi tal-investigazzjonijiet li kollha indikaw b'mod ċar li Samir ALMIRI kien responsabbli tal-omiċidju ta` Victor McKeon ikkaġunat b'*asphyxia*, u tenut kont tal-eżitu tal-istqarrija ta` Samir ALMIRI rigward il-każ in kwistjoni, l-awtoritajiet waslu għal konklużjoni ċara li Samir ALMIRI

b'għemilu kien responsabbli ta` omiċidju volontarju, u ċioe' talli nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u/jew fil-ġranet ta` qabel din id-data, ġewwa Santa Luċija, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe` lil Victor McKeon minn Santa Luċija, jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Victor McKeon f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt tramite *asphyxia*;

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali datati fit-tnax (12) ta` Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Samir Almiri*** (*per* Maġ. Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., Mag. Jur (EU Law)), kif ukoll fis-sbatax (17) ta` Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Lara Butters) vs Samir Almiri*** (*per* Maġ. Dott. Joseph Mifsud B.A. (Leg. & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.), l-istess Samir ALMIRI ġie kkundannat għal diversi reati;

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Samir ALMIRI** sar ħati ta` **omiċidju volontarju**, u ċioe` talli nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u/jew fil-ġranet ta` qabel din id-data, ġewwa Santa Luċija, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe` lil Victor McKeon minn Santa Luċija, jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Victor McKeon f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt;

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Samir ALMIRI**, reċidiv f'delitt, ħati ta' **omiċidju voluntarju**, u ċioe' talli nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u/jew fil-ġranet ta` qabel din id-data, ġewwa Santa Luċija, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe` lil Victor McKeon minn Santa Luċija, jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Victor McKeon f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt;

U billi permezz tas-sentenzi fuq imsemmijin tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali datati fit-tnax (12) ta` Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), (*per* Maġ. Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D., Mag. Jur (EU

Law)), u fis-sbatax (17) ta` Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016), (*per* Maġ. Dott. Joseph Mifsud B.A. (Leg. & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.), l-akkużat Samir ALMIRI kien instab ħati ta` diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Samir ALMIRI** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' għomor ħabs bir-reklużjoni**, skond dak li hemm u jintqal **fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 211(1), 211(2) u 533 tal-Kodici Kriminali**, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista` skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat Samir ALMIRI, ippreżentat fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2024, fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti illi, fl-eventwalita` prospettata u maqbula bejn il-partijiet illi jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkużat Samir ALMIRI għall-akkużi miġjuba kontrih fl-Att ta' Akkuża fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Samir ALMIRI' (Att ta' Akkuża numru 17/2022), il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta' **erbgħa u tletin sena priġunerija effettiva**. Dan oltre **l-ħlas ta' l-ispejjeż peritali** ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta nkorsi f'dan il-każ, u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-istess udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, l-akkużat Samir ALMIRI irreġistra ammissjoni għall-akkuża lilu addebitata fl-Att ta' Akkuża surreferit;

Rat illi wara li wissiet lill-akkużat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara li rat ukoll illi huwa kien qed jifhem l-import tal-istess ammissjoni, u wara li tagħtu ħin suffiċjenti sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa'

lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara lil Samir ALMIRI reċidiv f'delitt, u ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli nhar is-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Santa Lucija, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe` lil Victor McKeon minn Santa Luċija, jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Victor McKeon f'perikolu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkużat ammetta l-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu qabel ġie fformat il-ġuri, u għalhekk tqis illi għandhom japplikaw favur tiegħu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali, fit-termini ta' liema, il-Qorti tista', minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien tnax-il sena sa erbgħin sena.

Tenut kont tan-natura serja tar-reat lilu addebitat, la darba l-piena maqbula bejn il-partijiet tqarreb iżjed lejn il-massimu li tipprospetta l-liġi, u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat, il-Qorti tqis illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-partijiet, fir-rikors konġunt ippreżentat minnhom kif ingħad.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 211(1), 211(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-akkużat Samir ALMIRI għal piena ta' erbgħa u tletin (34) sena priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li matulu huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

Tikkundannah in oltre għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' erba' mija, disgħa u għoxrin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€429.21), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Keith Cutajar[1], is-somma ta' sitt mija u għoxrin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€620.44), rappreżentanti

[1] Ara a fol. 632 u 860 tal-proċess.

l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Alexander Scerri Herrera[2], is-somma ta' mitejn, tlieta u erbgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€243.25), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PC 169 Jurgen Schembri[3], is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, seba' mija u tmintax-il ewro (€23,718), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Marisa Cassar[4], is-somma ta' elf, mija, wieħed u għoxrin ewro (€1,121), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' Dr. Martin Bajada[5], is-somma ta' elfejn, tmien mija, ħamsa u disgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,895.50), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' Dr. Mario Scerri[6], is-somma ta' sitt mija u tmien ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€608.59), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Ali Sarfraz u Dr. David Pisani[7], u s-somma ta' elfejn u tnax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,012.50), rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PS 1111 Braydon Borg u PC 2424 Abigail Grech[8], b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' wieħed u tletin elf, sitt mija, tmienja u erbgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€31,648.49), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tlett (3) snin mil-lum. Fin-nuqqas illi jsir il-ħlas fit-terminu preskritt, tali spejjeż jiġu konvertiti fi priġunerija skont il-liġi.[9]

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**

[2] A fol. 640 tal-proċess.
[3] A fol. 874 tal-proċess.
[4] A fol. 911 tal-proċess.
[5] A fol. 1036 u a fol. 1057 tal-proċess.
[6] A fol. 1147 tal-proċess.
[7] A fol. 1160 tal-proċess.
[8] A fol. 1332 tal-proċess.
[9] Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-inkarigu ta' PS 1147 Antoine Fenech stante illi ma jirriżultax illi dan ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Astrid May Grima, kif premess minnu fir-relazzjoni tiegħu.